# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI FAMILJA

## MAĠISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

**Illum l-Erbgħa, 25 ta' Mejju 2016**

**Rikors Ġuramentat Numru: 29/2015 PC**

**Spiteri Jesmond**

**vs**

**Spiteri Sharon;**

**u b'digriet tas-7 ta' Jannar 2016, ġie nominat Dr. Kevin Mompalao bħala Kuratur Deputat sabiex jirrappreżenta lill-minuri Mirey Spiteri;**

**Direttur Reġistru Pubbliku għal Għawdex**

***Sentenza preliminari***

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors ġuramentat tal-attur li permezz tiegħu, wara li ppremetta:

1. Illi l-esponenti żżewweġ lill-intimata Sharon Spiteri fit-tmintax (18) ta' Settembru elf disa' mija u disgħin (1999) u dan iż-żwieġ ġie reġistrat fir-Reġistru Pubbliku għal Għawdex bin-numru progressiv mija tnejn u għoxrin tal-istess sena (122/1999) u dan kif jirriżulta miċ-ċertifikat hawn anness u mmarkat bħala Dok. A;

2. Illi waqt iż-żwieġ tal-partijiet, il-konvenuta welldet, fost oħrajn, lil Mirey Mariestell Charmaine Spiteri fl-għaxra (10) ta' Novembru elfejn u sebgħa (2007); u għalhekk din it-tifla għadha llum minorenni;

3. Illi ċ-ċertifikat tat-twelid tagħha ġie reġistrat fir-Reġistru Pubbliku għal Għawdex bin-numru progressiv mitejn ħamsa u sittin tal-elfejn u sebgħa (265/2007) liema ċertifikat qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat bħala Dok B;

4. Illi l-esponenti ġie nfurmat minn ibnu ta' tlettax-il (13) sena bl-isem ta' Kurt ilil din it-tifla Mirey mhijiex il-bint naturali tal-esponenti, u kkonferma dan stante illi minn DNA test li sar ġie posittivament eskluż il-possibilita' ilil huwa missierha u dan kif jirriżulta mid-dokument hawn anness u mmarkat bħala Dok C;

5. Illi l-esponenti ma jridx jibqa' aktar indikat bħala missier il-minuri fuq iċ-ċertifikat tat-twelid tagħha u jrid jiċħad lill-minuri bħala bintu natuarli;

6. Illi l-esponenti ġie awtorizzat jipproċedi b'din il-kawża b'digriet ta' din l-Onorabbli Qort tat-tnejn u għoxrin (22) ta' Diċembru elfejn u ħmistax (2015) digriet numru tnejn u disgħin tas-sena elfejn u ħmistax (92/2015) kopja tad-digriet hawn annessa u mmarkata bħala Dok D;

7. Illi effettivament l-esponenti mantna lit-tifla għal sebgħa (7) snin sħaħ b'mod inġustifikat.

Talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara illi l-minuri Mirey Mariestell Charmaine Spiteri mhijiex il-bint naturali ta' l-attur u li l-attur mhux il-missier naturali tal-imsemmija minuri;

2. Konsegwentement tordan lill-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku jħassar minn fuq iċ-ċertifikat tat-twelid tal-imsemmija minuri Mirey Mariestell Charmaine Spiteri bin-numru progressiv mitejn ħamsa u sittin tal-elfejn u sebgħa (265/2007) fil-kolonna illi tirreferi għal isem u kunjom il-missier l-isem 'Jesmond Spiteri'; il-karta tal-identita' tiegħu '21377G'; l-eta' tiegħu '30'; il-post tat-twelid teigħu 'Victoria (Għawdex), Malta'; ir-residenza tiegħu 'Victoria (Għawdex), Malta' u isem u kunjom missieru 'Anthony Spiteri (alive)' jiġu kkanċellati u minflok jniżżel 'missier mhux magħruf', kif ukoll tordna kull modifika oħra in vista ta' l-ewwel talba u jekk meħtieġ f'kull att ieħor relattiv u sussegwenti;

3. Tillikwida dik is-somma li l-Onorabbli jidrilha xieraq u opportu li l-esponenti ħareġ minn butu b'mod inġustifikat sabiex mantna lil minuri Mirey Mariestell Charmaine Spiteri ta' sebgħa (7) snin;

4. Konsegwentement tikkundannalil konvenuta tirrifondi lil attur dik l-ammont hekk likwidat;

Bl-ispejjeż inklużi dawk tat-test xjentifiku li sar nhar it-tnejn (2) ta' Lulju elfejn u ħmistax (2015) kontra l-konvenuti jew min minnhom ili minn issa inġunti in subizzjoni.

Rat ir-Risposta ġuramentata tal-konvenuta Sharon Spiteri li eċċepiet:

1. Illi in linea preliminari n-nullita tar-rikors ġuramentat ai termini tal-artikolu 789(1)(c) tal-Kap.12 *stante* li l-azzjoni attriċi hi msejsa fuq aktar minn kawżali waħda separati u distinti minn xulxin, u ċjoe' talba li biha l-attur qed jitlob li jiddiskonoxxi lil bintu minuri Mirey Spiteri allegatametn konċepita minn relazzjoni extra-konjugali, u talba għall-likwidazzjoni u konsegwentement kundanna għall-ħlas ta' somma flus f'rifużjoni minħabba li mantna lil din il-minuri għal dawn l-aħħar sebgħa snin, u dan bi preġudizzju tad-dritt tal-esponenti li tiddefendi ruħha kif jirxraq minn dak li qed tiġi mixlija bih mill-attur. Dan in vjolazzoni tal-prinċipju kardinali *electam una via non datum recursus ad alterma*;

2. Illi *nonostante* l-prova ġenetika li l-attur jista' għandu biex juri li huwa mhuwiex il-missier naturali u bioloġiku tat-tarbija Mirey Spiteri, l-inammissibilita' tal-azzjoni attriċi billi hija vjetata mill-artikolu 81(1) u (2) tal-Kap. 16 li jipprovid li "(1) *<u>Ħadd</u> ma jista' jitlob stat kuntrarju għal dak li jagħtuh l-att tat-twelid bħala iben imnissel jew imwieled matul iż-żwieġ u l-pussess ta' stat li jaqbel ma' dak l-att.*", u (2) *Hekk ukoll, <u>ħadd</u> ma jista' jattakka l-istat ta' iben imnissel jew imwieled matul iż-żwieġ ta' tifel li kjollu l-pussess ta' stat li jaqbel mal-att tat-twelid teigħu."* Hu ovvju li b'din id-disposizzjoni l-liġi tissubordina l-presunzjoni tal-paternita' għall-presuppost ulterjuri li t-tifel uwa dikjarat bħala leġittimu fl-att tat-twelid teigħu u għandu pussess ta' stat li jaqbel ma' dan l-att (Prim'Awla, <u>Penelope Lee *pro et noe* vs Jospeh Agius *et*,</u> deċiża fil-31 ta' Jannar 2003);

3. Illi rigward it-tlabiet għall-likwidazzjoni u ħlas lura ta' somma flus bħala rifużjoni ta' ħlasijiet li l-attur ħallas b'mod inġustifikat skont hu, f'manteniment għall-minuri Mirey Spiteri, dawn it-talbiet huma wkoll infondati fid-dritt u fil-fatt, u għandhom jiġi miċħuda wkoll, bl-ispejjeż. Wara kollox bħala l-persuna li għandha l-paternita' legali tat-

tarbija u kien aċċettaha bħala bintu kien obbligu tiegħu taħt il-liġi li jipprovdi għall-manteniment ta' din bintu minuri.

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku għal Għawdex li eċċepixxa:

1. Illi l-esponenti mhux edott mill-fatti, u għalhekk qiegħed jirremetti ruħu għas-salv ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

2. Ilil kwalunkwe realta' bioloġika waħdeha m'għandha qatt tipprevali fuq preżunzjoni legali li hija bażata fuq realta' familjari u soċjali li hi kompatibbli mal-pussess ta' stat. Illi għalhekk għalkemm test xjentifiku jista' jagħti konklużjonijiet pjuttost konklussivi; pero' waħdu dan b'ebda mod ma għandu jitqies li jista' jxejjen il-konklużjoni kuntrarja li tkun intlaħqet b'evidenza oħra bħal dik indikata fl-Artikolu 80 tal-Kodiċi Ċivili;

3. Illi nonostante, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attibwibbli għax xi għemil jew nuqqas ta' aġir ta' l-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

4. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-Avukat Dottor Kevin Mompalao nomine li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi l-prova ta' denegata paternita għandha tkun waħda konklussiva u dan għal ġid ta' l-istess minuri u din l-Onorabbli Qorti hija mitluba sabiex ai termini tas-sub artikolu 3 ta' l-artikolu 70 tal-Kodiċi Ċivili (Kap 16) tistieden lill-partijiet sabiex jagħmlu dawk it-testijiet xjentifiċi neċessarji sabiex jiġi stabilit jekk l-attur hux il-missier naturali tal-minuri;

2. Ili kemm-il darba jirriżulta b'mod xjentifiku u ċar illi l-missier naturali tal-minuri ma hux l-attur, l-esponenti bħala kuratur tal-minuri ma' jsib l-ebda oġġezzjoni li jintlaqgħu t-talbiet ta' l-attur. B'dan illi l-minuri għandha kemm jista' jkun tkun ħielsa minn kull konsegwenza li jista' jġib magħhadan l-istatus inkluż il-bdil fil-kunjom li għandu jibqa kif inhu bħala ta' l-omm, u dan sabiex ma jkollux riperkussjonijiet fuq il-minuri speċjalment fl-iskola fejn tattendi;

3. Illi l-esponenti qua kuratur tal-minuri ma għandu xejn xi jgħid dwar it-tielet talba iżda din l-Qonorabbli Qorti hi mitluba li tikkunsidra jekk tali talba jistax ikollha effetti negattivi fuq il-minuri;

4. Illi salv dak li fuq ingħad, l-esponenti ma' huwiex edott mill-bqija tal-fatti u għaldaqstant jirrimetti ruħu għal provi miġjuba;

5. Ili din ir-risposta qed issir u qed tiġi kkonfermata bil-ġurament mill-avukat Dr. Kevin Mompalao maħtur kuratur tal-minuri Mirey Maristell Charmaine Spiteri li għandu konoxxenza tal-fatti fuq esposti.

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża, inklużi d-dokumenti esebiti.

Rat id-digriet tagħha tat-2 ta' Marzu 2016 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza dwar l-eċċezzjoni preliminari tal-konvenuta Sharon Spiteri.

Rat in-Nota tal-Osservazzjonijiet tal-attur dwar din l-eċċezzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi din hija kawża ta' denegata paternita' li permezz tagħha l-attur qed ifittex li jiċħad lill-minuri Mirey Spiteri, kif rappreżentata, milli tibqa' magħrufa bħala bintu. Imma b'din l-istess kawża l-attur qed jitlob ukoll mingħand il-konvenuta martu d-danni għaż-żmien kollu li mantna lill-imsemmija Mirey Spiteri minn meta twieldet. Kien appuntu minħabba din it-talba għad-danni li l-konvenuta martu qajmet l-eċċezzjoni preliminari tagħha tan-nullita' tal-kawża ai termini tal-artikolu 789(1) (c) tal-Kap.12.

Kif intqal mill-Qorti ta' l-Appell: "*…. F'materja ta' eccezzjonijiet ta' nullita' l-principju applikabbli huwa* ***ut magis res valeat quam pereat****.Il-Qorti ghandha tilqa' eccezzjoni ta' nullita' minhabba fin-nuqqas ta' l-attur li jhares xi formalita' (sakemm ma tkunx nullita' li tirrizulta espressament mil-ligi) biss fil-kazijiet fejn jirrizulta li l-konvenut isofri pregudizzju irreparabbli minhabba fin-nuqqas ta' l-attur. Il-ligi ma tiddikjarax espressament in-nullita' ta' l-att li ma jharisx l-artikolu 156(1)(a) u ghalhekk huwa applikabbli l-artikolu 789(1) (c) tal-kap.12 li jghid li tista' tinghata eccezzjoni ta' nullita'* ***'jekk fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma mehtiega mill-ligi…kemm il-darba dik il-vjolazzjoni tkun giebet lill-parti li titlob in-nullita' pregudizzju illi ma jistax jissewwa xort'ohra hlief billi l-att jigi annullat****.'" [1]

[1] Albert Portelli vs Dr.Riccardo Farrugia:4.12.1998 kollez.vol.LXXXII..II.1311

Hekk ukoll ingħad illi: "… *n-nullita' ta' l-atti gudizzjali hija sanzjoni estrema li l-ligi trid li tigi imposta biss meta n-nuqqas - formali jew sostanzjali- fl-att ma jistax assolutament jigi tollerat minghajr hsara ghal xi principju ta' gustizzja procedurali.*" [2]

B'din l-eċċezzjoni tagħha l-konvenuta Sharon Spiteri targumenta li ż-żewġ talbiet tal-attur saru bi preġudizzju tad-dritt tagħha li tiddefendi ruħha kif jixraq minn dak li ġiet akkużata bih mill-attur, u li dan sar bi vjolazzjoni tal-prinċipju kardinali: *electam una via non datum recursus ad alteram.*

Imma hawnhekk iżjed minn talbiet konfliġġenti għandna talbiet komplimentari għal xulxin, għax it-talba għad-danni hija konsegwenzjali għat-talba l-oħra ta' *denegata paternita'*. Infatti l-attur qed jippretendi li ġialadarba jiġi ppruvat li huwa mhuwiex il-missier naturali ta' bint din il-konvenuta, lanqas kien tenut imantniha kif ilu jagħmel minn twelidha, u għalhekk qed ifittex ukoll għad-danni. Huwa minnu illi dawn iż-żewġ talbiet setgħu saru separatament f'kawżi differenti, imma ma hemm xejn ħażin li ġew inklużi f'kawża waħda, għall-ekonomija tal-ġudizzju, għax kif ġie imfisser mill-Qorti tal-Appell:

"*Kien hemm konnessjoni cara u netta bejn id-diversi talbiet taghhom, b'dan li, ghalkemm kull wahda mit-talbiet kienet indikattiva ta' azzjoni li setghet ukoll tigi proposta wahedha, l-atturi ghazlu li jipproponuhom flimkien ghax kellhom finalita' wahda. 'Ha luogo il cumolo delle azioni quando piu' azioni aventi ciascuna vita propria e' indipendente si sperimentano tutte nel medesimo giudizio senza che l'esercizio nell'una impedisca in tutto o in parte l'esercizio dell'altra. L-attore puo' di regola cumulare tutte le azioni che gli spettano contro lo stesso convenuto sebbene dipendano da titloi diversi.'* (Joseph Borg et v. Emanuel Bonello, deċiża mill-Prim'Awla fid-29 ta' Jannar 1999, li ċċitat il Nuovo Digesto Italiano Concorso di Azioni).

'*Ebda ligi ma tipprojibixxi l-kumulu ta' azzjonijiet, accettat anke mid-duttrina, barra minn xi kazi fejn ikun hemm disposizzjonijet espressi u kuntrarji, dak per ezempju li ma tistax tezercita l-azzjoni petitorja u possessorja flimkien, meta l-ezercizzju ta' wahda jeskludi l-ezercizzju ta' l-ohra.*' (Vol.XXIX,P.1,p.1087)

*Ma kellux allura jkun hemm ostakolu ghall-atturi li jipprocedu b'att ta' citazzjoni wahda li tkun tikkontjeni kumulu ta' azzjonijiet sakemm jigi sodisfacentement pruvat lill-Qorti li tali procedura kienet utili ghall-ekonomija tal-gudizzju, li kienet tassigura li l-persuni kollha nteressati jkunu partijiet, taht vesti jew ohra, fil-gudizzju, u li ma jkunx hemm pregudizzju ghall-konvenuti*

[2] Appell: Guido J.Vella A.CE vs Dr.Emanuel Cefai Ll.D.:4.11.1991 vol.LXXV.II.474

*kjamati biex jirispondu talbiet ta' l-atturi. 'La cumulazione delle citazioni era pemessa e frequentemente praticata sotto la giurisprudenza anteriore. E' cosa in se ragionevole, conducente ad economia di tempo e di spese e non pregudizievole al convenuto ne punto irriconcilaibile con la legge attuale'* (Cremona, Commentario sul Codice di Procedura, p.847)."[3]

Din il-Qorti ma tara xejn konfliġġenti fit-talbiet tal-attur, u lanqas xi preġudizzju għad-difiża tagħha setgħet issofri l-konvenuta Sharon Spiteri bil-fatt li l-attur għażel li jagħmel dawn iż-żewġ talbiet f'kawża waħda. Infatti hija ddefendiet ruħha mingħajr ebda diffokolta' ta' xejn kontra ż-żewġ talbiet, kif jirriżulta mir-Risposta Ġuramentata tagħha.

Għaldaqstant billi ma hemm l-ebda nullita' fil-mod kif ġiet proposta din il-kawża, li fiha kien hemm kumulu ta' azzjonijiet, li kif rajna hija xi ħaġa aċċettata fid-dottrina u l-ġurisprudenza, tipprovdi billi tiċħad l-eċċezzjoni preliminari tal-konvenuta Sharon Spiteri, u tħalli l-kawża għall-kontinwazzjoni fuq il-mertu.

L-ispejjeż jibqgħu riservati għas-sentenza finali.

(ft) Paul Coppini
Maġistrat

(ft) Silvio Xerri
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur

25.05.2016 – Fam29.2015 – Spiteri Jesmond vs Spiteri Sharon et
1922

[3] Mary Bezzina et. vs Joseph Vella et.29.10.1999